# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 6**

**Rikors numru 4/08 AE**

**Alfred Debono u martu Theresa Debono ghal kull interess li jista' jkollha u b'digriet tat-2 ta' Frar 2010 il-kawza tkompliet f'isem Carmelo, Joseph u Mark Anthony ahwa Debono wara l-mewt tal-attur u b'digriet tat-28 ta' April 2017 stante l-mewt ta' Theresa Debono l-atti gew trasfuzi f'isem Joseph Debono, Carmelo sive Carl Debono u Mark Anthony Debono u b'digriet tat-23 ta' Novembru 2017 stante l-mewt ta' Joseph Debono l-atti gew trasfuzi f'isem Carmelo sive Carl Debono u Mark Anthony Debono**

**v.**

**Joseph Debono u Ignatius Debono**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors promotur ta' Alfred u Theresa konjugi Debono pprezentat fit-3 ta' Jannar, 2008, li permezz tieghu nghad:

> "1. Illi Ignazio Debono (Snr), illum mejjet, huwa in-nannu tar-rikorrent (Alfred Debono), u cioe missier Carmelo, kif ukoll missier

Andreana Debono, Giorgia Gatt u Antonio Debono, illum ukoll kollha mejtin.

“2. Illi missier ir-rikorrent Alfred Debono, u cioe Carmelo Debono, flimkien mal-ulied l-ohra ta’ Carmelo u cioe hut ir-rikorrent, fosthom l-intimat Joseph Debono u Ignatius Deboo (Jnr) jipposjedu indivisament bejniethom l-assi tal-mejtin Ignatius Debono (Snr), li miet fl-14 ta’ Settembru 1934 u martu Theodora li mietet fl-14 ta’ Frar 1928, l-awturi tal-kontendenti u ohrajn.

“3. Illi omm ir-rikorrent Alfred Debono, u cioe Theresa Debono nee Callus li mietet fis-27 ta’ Ottubru 1953, flimkien mal-ulied l-ohra ta’ Theresa u cioe hut ir-rikorrent, fosthom l-intimati Joseph Debono u Ignatius Debono (Jnr) jipposjedu indivisament bejniethom l-assi tal-mejjet Dun Guzepp Grech li miet fl-1951.

“4. Illi z-zija tar-rikorrenti Alfred Debono, u cioe Carmena Callus li mietet fl-10 ta’ Dicembru 1989, flimkien man-neputijiet l-ohra ta’ Carmena u cioe hut ir-rikorrent, fosthom l-intimati Joseph Debono u Ignatius Debono (Jnr) jipposjedu indivisament bejniethom l-assi tal-mejta Carmena Callus.

“5. Illi l-proprieta kollha li intirtet mir-rikorrenti, minn hutu u minn ohrajn, li huma jippossjedu mhux necessarjament fi kwoti indaqs bejniethom, giet dejjem amministrata mill-intimati, jew min minnhom.

“6. Illi l-intimati:

“a) qatt ma taw lir-rikorrenti ebda rendikont tal-amministrazzjoni taghhom tal-assi mizmuma in komuni bejniethom;

“b) ghamlu kuntratti u ftehim ma’ terzi minghajr ma ikkonsultaw lir-rikorrenti u fl-istess hin eskludewh minn dawk il-kuntratti u ftehim;

“c) qatt ma iddistribwew u ghalhekk qatt ma taw dik il-parti mill-introjtu lilu spettanti skond il-ligi.

“7. Illi meta l-intimati gew mitluba sabiex jaghtu dan ir-rendikont lir-rikorrenti huma accettaw izda ghamlu hafna kondizzjonijiet, l imhux accettabbli lir-rikorrenti, stante li ma ghandhomx x’jaqsmu xejn mal-ghoti tar-rendikont skond il-ligi.

“8. Illi l-intimati huma fid-dover li jaghtu rendikont tal-amministrazzjoni taghhom dwar il-beni li jipposjedu in komuni u x’gara minn depoziti bankarji lokali u esteri li ilhom jigu tramandati s-snin minghajr ebda gharfien ta’ xejn lir-rikorrenti.

“9. Illi ghalhekk ir-rikorrent ghandu dritt li jkun jaf u jinghata rendikont tal-istess amministrazzjoni tal-beni mizmuma in komuni.

"10. Jghidu ghalhekk l-intimati, jew min minnhom, ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex [1] tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti jaghtu rendikont tal-amministrazzjoni taghhom ghall-perijodu kollu li ilhom jamministraw l-imsemmija proprjeta` u beni finanzjarji f'deposit bankarji [2] tordna lill-intimati jew minnhom sabiex ihallsu lir-rikorrenti dak li jirrizulta li jispetta lilhom mill-istess amministrazzjoni tal-beni komuni, kif ukoll is-sehem tar-rikorrenti mill-qbiela u kirjiet li jigu mhallsa lir-rikorrenti mill-kerrejja – kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

"11. Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' erba' ittri legali lilhom mibghuta, kontra l-intimati li minn issaj ibqghu ingunti ghas-subizzjoni taghhom".

Rat ir-risposta guramentata ta' Joseph u Ignatius ahwa Debono, tas-7 ta' Frar, 2008, li permezz taghha gie eccepit illi:

"1. Dwar il-fatti in succint ghandu jinghad is-segwenti:

"1.1 Il-fatti dedotti fl-ewwel erba' paragrafi tar-rikorrenti ma humiex kontestati salv li jigi spjegat li l-kontendenti ghandhom zewg ahwa ohra u cioe Mose Debono u Theodora Micallef li wkoll huma komproprjetarji mal-kontendenti.

"1.2 Illi dwar il-hames paragrafu jigi spjegat li l-assi komuni huma indivizi bejn diversi familji. Fir-rigward tal-familja tal-kontendenti l-familja Debono tamministra s-sehem taghha u dan billi l-ahwa kollha hlief Alfred (li jirrifjuta jattendi) jintlaqghu kull gimgha, nhar ta' tlieta fil-ghaxija, u jaghtu rendikont lil xulxin ta' x'gara u ma garax, u xi whud mill-familja Gatt kienu jattendu wkoll. Biss, ir-rikorrenti Alfred minn dejjem irrifjuta li jattendi ghal dawn is-seduti, ghalkemm mitlub jaghmel dan diversi drabi. Iktar min hekk wara li l-intimati u l-ahwa l-ohra baghtulu ittri biex jinfurmawh x'qed jigri, Alfred insista l ima ghandhom jintbghatulu l-ebda korrispondenza ohra.

"1.3 Ghalkemm kien hemm diversi tentattivi biex jiltaqghu flimkien, inkluz darba fejn Ignazio Debono gie mhedded mit-tfal ta'Alfred, dawn sfaw fix-xejn minhabba l-intransigenza ta' Alfred. Izda l-esponenti u huthom ghadhom sallum jaccettaw li Alfred ghandu "*an open invitation*" biex jattendi basta li jkun wahdu (jew ma avukat), u cioe ma jkunx hemm it-tfal ta' hadd mill-ahwa li jattendi.

"1.4 Illi dwar is-sitt paragrafu ghandu jigi dpjegat li l-kontendenti ghandhom il-proprjeta indikati fid-dokument hawn anness bhala dokument "A" mizmuma komuni minn liema proprjeta: (a) hafna minn dawn huma proprjeta indiviza ma familji ohra; (b) maghluqin, wahda minnhom hija addiritura msakkra mir-rikorrenti Alfred Debono ukoll; (c) jew vojta jew mqabbla lin-nies li minn dejjem kienu jahdmu l-istess r-

raba' u ma liema l-uniku sforz ta' l-intimati kien li jirredigu tali qbiela f'kuntratti.

"1.5 Mill-bqija, il-kontendenti jafu li missieru kellu diversi kontijiet g'isem id-ditti "Ignazio Debono & Sons" jew "A.C.A Debono", izda m'ghandhomx dettalji dwarhom; jafu pero li Alfred ghandu c-cavetta ta' Kassaforte li jista' jkollha d-dettalji kollha mehtiega biex jirrintraccaw il-proprjeta komuni, izda l-istess rikorrenti qieghed icahhad l-esponenti minn access ghaliah u li l-kontenut jigi diviz.

"1.6 Mill-bqija ta' l-amministrazzjoni ghandu jigi rilevat (a) li Joseph Debono kien ta' rendikont lil kulhadd dwar l-eredita ta' Carmena Callus, u Alfred Debono kien accetta u ha s-sehem tieghu minn din l-eredita; u (b) dwar il-kirjiet migbura dawn huma dawk dikjarati fid-dokument hawn anness bhala dokument "A".

"1.7 Illi dwar is-seba' paragrafu kif jidher mill-korrispondenza esebiti mir-rikorrenti stess l-uniku kundizzjoni li gew imposti mill-familja Debono (u mhux mill-intimati biss) fuq ir-rikorrenti kienu s-segwenti: (a) li jigi accettat li ji l-intimati ghandhom dritt ghal kumpens ta' l-ispejjez necessarji inkorsi fl-amministrazzjoni tal-beni komuni; (b) li jinfetah il-kaxxaforte. Minkejja dan huma xorta, kienu ddikjaraw ruhhom lesti jiltaqghu sabiex isibu soluzzjoni mod iehor jekk ikun il-kaz, basta li jkunu biss il-hames ahwa u l-avukati rispettivi taghhom li jiltaqghu. Din il-kondizzjoni kienet wahda legittima, raggjonata, u ta' natura prattika.

"1.8 Illi fir-rigward tat-tmien paragrafu, l-esponenti qed jannettu ma din ir-risposta prospett tal-proprjeta li ghandhom in komuni, u dwar liema jafu xi haga, kif ukoll lista ta' xi spejjez kienu inkorsi minnhom.

"1.9 Illi fir-rigward tal-kont bankarju kopja ta' liema tinsab esibita mir-rikorrenti. Is-sehem ta' Alfred huwa ta' 1/10 *wara* li jitnaqsu minnu l-ispejjez ta' amministrazzjoni. Ghalkemm Alfred Debono kien imsejjah biex jattendi ghal seduta sabiex jinghalaq dan il-kont (kif jidher minn korrispondenza tar-Rev. Carmel Gatt, esibita minnu stess) huwa naqas li jattendi ghal dina s-seduta u issa qed jilmenta ma l-esponenti ghal fatt kkagunata min-nuqqas tieghu stess.

"1.10 Illi fil kwasiasi kaz, l-esponenti ghalkemm qasmu il-kont mal-familja Gatt huma ghadhom ma qasmux ma Alfred. Filfatt l-ahwa Debono kollha (Mose, Joseph, Ignatius, u Theodora) ma jridux jaqsmu xejn ma Alfred jekk mhux fl-istess hin jew wara li jigi miftuh u maqsum il-kontenut tal-kaxxaforte. U dana peress li anke l-familja Gatt taqbel li din il-kaxxaforte trid tinfetah.

"Illi ghalhekk l-esponenti jecepixxu bir-rispett:

"2. In via preliminari l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati in kwantu jidher li t-talba hija tal-hlas spettanti lir-rikorrenti ta' sehemhom mill-

entrojtu minn fuq il-proprjeta stante li dan is-sehem assolutament ma tezorbitax il-hames telef lira Maltija.

“3. Illi bla pregudizzju ghal premess, jekk it-tieni talba tar-rikorrenti hija diretta lejn bidla fis-sistema ta’ amminsitrazzjoni biex ir-rikorrenti jibdew jithalsu s-sehem taghhom direttament mill-inkwilini din hija improponibbli jekk l-komproprjeta kollu ma jigix diviz, u s-sistema ta’ amministrazzjoni ghandha tkun wahda dwar liema hemm il-qbil tal-maggjoranza tal-komproprjetari, basta li tkun gusta u ekwa ghal kulhadd kif filfatt hi.

“4. Illi preliminarjament ukoll ir-rikorrenti jrid jindika l-iskop tal-prova ta’ kull xhud minnu dikjarat u jsemmi lil kull xhud b’ismu;

“5. Illi filfatt l-intimati qatt ma ghamlu xi att ta’ amministrazzjoni minghajr ma kellhom l-approvazzjoni u l-kunsens espressa tal-maggjornza ta’ huthom (u cioe ta’ Theodora u Moses, li kienu komproprjetarji wkoll).

“6. Illi fir-rigward ta’ l-ewwel talba, jidher li r-rikorrenti gja jafu kollox li hemm x’taf fuq l-amministrazzjoni tal-komproprjeta, u kwalsiasi nuqqas ta’ informazzjoni ma hix responsabbilta ta’ l-intimati li ghamlu minn kollox biex izommu lil rikorrenti aggornati.

“7. Illi l-esponenti minn dejjem kienu lesti li jhalsu s-sehem ta’ l-entrojtu tar-rikorrenti, Alfred Debono, wara li jitnaqsu l-ispejjez necessarji nkorsi fl-amministrazzjoni u b’hekk billi qatt ma setghu jiltaqghu biex jiftehmu dwar dawn l-ispejjez qatt ma setghet issir tali likwidazzjoni. Huma ghalhekk disposti li jhalsu l-ammont li talvolta tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti.

“8. Illi filfatt jirrizulta li r-rikorrenti Alfrd Debono stess ghandu flus kontanti appartenenti lill-komproprjeta li jridu jitqiesu meta r-rikorrenti biex jillikwida sehmu tal-entrojtu tal-komproprjeta;

“9. Ghalhekk l-esponenti jopponu ghal ispejjez involuti f’din il-procedura u l-ispejjez kollha kagunati minhabba l-instransigenza ta’ l-istess rikorrent ghandhom jigu mhalsa mill-istess rikorrent.

“10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi”.

Rat is-sentenza preliminari tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta’ Ottubru, 2011, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, cahdet l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ kompetenza, laqghet l-ewwel talba tal-atturi u kkundannat lill-konvenuti sabiex fi zmien tliet xhur mid-data

tas-sentenza jaghtu kont tal-amministrazzjoni taghhom tal-beni tal-wirt ta' (i) Ignazio *senior* u (ii) Theodora mizzewgin Debono, ta' (iii) Dun Guzepp Grech u ta' (iv) Carmena Callus. B'dan illi l-kont isir kif jghidu u jridu l-Artikoli 389 u 390 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kif ukoll li l-atturi kellhom zmien ta' xahar mid-differiment sussegwenti sabiex jghidu jaqblux jew le mal-kont u, jekk ma jaqblux, jindikaw il-partiti li jopponu u jfissru sew ir-raguni ghall-oppozizzjoni. F'kaz illi l-konvenuti jonqsu li jaghtu dan il-kont fiz-zmien moghti lilhom, l-atturi nghataw is-setgha fi zmien xahar mis-seduta sussegwenti li b'nota mahlufa jispecifikaw is-somma li ghandha tinghatalhom. Bl-ispejjez mhollija ghas-sentenza finali.

Dik il-Qorti waslet ghal dik il-konkluzjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "8. Billi l-ewwel eċċezzjoni tolqot il-kompetenza ta' din il-qorti, hija qabel xejn meħtieġa deċiżjoni dwarha.
>
> "9. Il-konvenuti jgħidu illi l-kawża hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati għax il-valur ta' sehem l-atturi ma jaqbiżx il-kompetenza ta' dik il-qorti. L-art. 758 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, dwar kompetenza f'kawżi dwar għoti ta' kontijiet, jgħid hekk:
>
> > "758. (1) Fil-kawżi dwar għoti ta' kontijiet ta' amministrazzjoni ta' somom ta' flus, il-valur tal-oġġett fil-kawża jiġi determinat mill-ammont ta' dawk is-somom.
> >
> > "(2) Jekk l-amministrazzjoni tkun ta' beni immobbli, il-valur ta' l-oġġett fil-kawża jiġi determinat mir-renta ta' sena, mingħajr tnaqqis ta' xejn, multiplikata għas-snin kollha miġjubin fit-talba tal-attur.
>
> "10. Kontra dak li jgħidu l-konvenuti, il-valur jitqies mhux fuq is-sehem tal-attur iżda fuq il-ħwejjeġ kollha fl-amministrazzjoni. Barra minn hekk, ladarba fl-amministrazzjoni hemm ukoll beni immobbli, għandu

> jitqies id-dħul ta' sena mutiplikat bin-numru ta' snin tal-amministrazzjoni. Billi l-amministrazzjonijiet imorru lura għal bosta snin, l-asserzjoni tal-konvenuti illi l-valur ma jaqbiżx il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati xejn ma tidher plawsibbli.
>
> "11. Għandu jinħad ukoll illi, f'dan l-istadju, ladarba għadhom ma ngħatawx kontijiet magħmulin sew, il-valur għadu ma jistax jiġi determinat, u għalhekk igħodd għall-każ l-art. 747(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħid illi "l-valur inċert jew indeterminat jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata". L-eċċezzjoni ta' inkompetenza hija għalhekk miċħuda.
>
> "12. Ma huwiex kontestat illi l-konvenuti għandhom f'idejhom l-amministrazzjoni tal-wirt tal-persuni msemmija fir-rikors maħluf, u ma huwiex kontestat ukoll illi l-atturi għandhom sehem f'kull wirt u għalhekk interess fil-beni amministrati. Dan joħloq fuq il-konvenuti l-obbligazzjoni li jagħtu kont tal-amministrazzjoni tagħhom u jagħti lill-atturi l-jedd li jingħataw dan il-kont. L-ewwel talba tal-atturi għandha għalhekk tintlaqa'. Provvediment fuq it-tieni talba jkun jista' jingħata biss wara li jkun ingħata il-kont".

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Lulju, 2013, li permezz taghha, u ghar-ragunijiet hemm esposti, qatghet u ddecidiet it-tieni talba attrici billi kkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' €4,810.99, bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat. B'dan illi ma jfissirx li gie approvat ir-rendikont moghti mill-konvenuti fir-rigward tal-wirt ta' Ignazio u Theodora konjugi Debono (Artikolu 391(1) tal-Kap. 12); baqa' mpregudikat id-dritt tar-rikorrenti li jimpunjaw ir-rendikont moghti mill-konvenuti permezz ta' rikors guramentat kif kontemplat fl-Artikolu 392 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u jekk ikun il-kaz ghall-pagament ulterjuri minghand il-konvenuti. Bl-ispejjez kollha a karigu tal-konvenuti inkwantu ritenut li dawn il-problemi nqalghu minhabba l-mod kif amministraw il-konvenuti.

Din is-sentenza nghatat wara li l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“L-Artikoli 389 u 390 tal-Kap. 12 jipprovdu:-

“389 (1) kull min hu obbligat li jaghti kont, ghandu jipprezentah bid-dokumenti kollha li jiggustifikawh.

(2) Jekk xi wiehed mid-dokumenti jkun att pubbliku, tkun bizzejjed li ssir riferenza ghalih.

390 (1) Il-kont ghandu jkun fih:
(a) tifsira cara tal-hwejjeg li taghhom ghandu jinghata kont;
(b) il-partiti tad-dhul;
(c) il-partiti tan-nefqa;
(d) il-bilanc li ghad irid jidhol u l-hwejjeg li ghandhom jittiehdu lura;

(2) Il-kont ghandu jaghlaq b’rijassunt.”.

“Fil-15 ta’ Novembru 2011 il-konvenuti pprezentaw dokument intestat ‘Rendikonta’ (fol. 284) fejn iddikjaraw li:-

“i. it-taghrif li kienu qeghdin jaghtu kien jibda mill-1987, “*Dana jinghad peress li l-esponenti bdew jamministraw il-proprjeta’ komuni taghhom biss wara li gie nieqes missierhom (Carmelo Debono) u l-esponenti kollha, inkluz Alfred Debono, kienu jamministraw il-beni flimkien u kienu jattendu laqghat regolarment. Minkejja ‘l fuq premess l-esponenti kellhom sabiex ifissru sewwa x’gara mis-sena 1987 ‘l hawn jipprovdi dettalji (sa fejn jafu huma) ta’ x’sar u/jew x’setgha sar qabel dak in-nhar*” (fol. 284).

“ii. Mill-introjtu li kien hemm sal-2008, huhom Alfred Debono kien jispettah is-somma ta’ Ewro 4,733.17 sal-2008 u Ewro 4,810.99 sal-2011. Jirrizulta li b’cedola ta’ depozitu numru 883/2010 is-somma ta’ Ewro 4,734.52 giet depozitata favur l-atturi.

“B’att gudizzjarju prezentat waqt is-seduta tat-18 ta’ Novembru 2011 l-atturi ddikjaraw l-oggezzjonijiet taghhom ghar-rendikont li pprezentaw il-konvenuti. Hi fuq din il-bazi li l-qorti trid tiddeciedi:-

(a) “Rendikont kellu jigi pprezentat mill-konvenuti u mhux ukoll minn Theodora Micallef u Moses Debono.

“Ir-rendikont gie pprezentat mill-konvenuti, pero hu wkoll iffirmat minn zewg ahwa li m’humiex parti ghall-proceduri. Pero’ dan ma jbiddel xejn ghaliex hu rendikont li taw il-konvenuti.

“(b) Oggezzjoni li r-rendikont beda mis-sena 1987.

"Is-sentenza preliminari ma tghidx minn liema sena l-konvenuti ghandhom jaghtu rendikont. L-atturi jsostnu li r-rendikont kellu jinghata mid-data tal-mewt ta' Carmelo Debono, cjoe' 17 ta' Jannar 1975 inkwantu jippretendu li dak kien iz-zmien li kienu hadu taht idejhom l-amministrazzjoni tal-wirt ta' Ignazio u Theodora konjugi Debono.

"Mill-atti hu evidenti li kien hemm affarijiet li kienu qeghdin jaghmlu l-konvenuti. Hekk per ezempju:-

"i. Kien hemm kont bankarju ma' BOV f'isem Ignatius Debono u Fr Gatt;
"ii. Fis-23 ta' Frar 1980 ghamel ftehim ma' certu Azzopardi (fol. 59) dwar garaxx numru 15, Triq Argotti, Floriana.
"iii. Joseph Debono kien jigbor qbiela dwar l-art ta' Gharram (ara ktieb ta' ricevuti fol. 80) imqabbla lil Filippo Attard. L-ewwel ricevuta ggib id-data tal-14 ta' Settembru 1980.

"Pero jirrizulta li kien hemm affarijiet li fihom kien involut Alfred Debono. Hekk per ezempju:-

"i. kien il-hlas ta' taxxa ta' successjoni ta' Carmel Debono. Mir-ricevuti prezentati jirrizulta li kien hemm hlasijiet li saru minn Alfred Debono fl-24 ta' Jannar 1979 (fol. 167) u 14 ta' Gunju 1979 (fol. 173);

"ii. Kien hallas lill-ohtu Theodora Micallef sehemha u sehem hutu l-ohra, tal-kera dwar garaxx fil-Floriana ghas-sena 1998.

"Pero' jidher li l-konvenuti nsew x'iddikjaraw fit-twegiba guramentata:-

> "1*.2 Illi dwar il-hames paragrafu jigi spjegat li l-assi komuni huma indivizi bejn diversi familji. Fir-rigward tal-familja tal-kontendenti l-familja Debono tamministra s-sehem taghha u dan billi l-ahwa kollha hlief Alfred (li jirrifjuta jattendi) jiltaqghu kull gimgha, nhar ta' tlieta filghaxija, u jaghtu rendikont lil xulxin ta' x'gara u ma garax, u xi whud mill-familja Gatt kienu jattendu wkoll. Biss ir-rikorrrenti Alfred minn dejjem irrifjuta li jattendi ghal dawn is-seduti, ghalkemm mitlub jaghmel dan diversi drabi. Iktar minn hekk wara li l-intimati u l-ahwa l-ohra bghatulu ittri biex jinfurmawh x'qed jigri, Alfred insista li ma ghandhomx jintbaghatulu l-ebda korrispondenza ohra.*" (enfazi tal-qorti, fol. 10).

"Mela f'dan il-paragrafu qeghdin jikkonfermaw li Alfred Debono ma kienx jamministra l-gid.

"Jigi rilevat ukoll li fis-sitt paragrafu tar-rikors promotur l-atturi ppremettew li l-konvenuti:
"a) qatt ma taw rendikont tal-amministrazzjoni;
"b) ghamlu kuntratti u ftehim ma' terzi minghajr ma kkonsultaw mal-atturi;
"c) qatt ma ddistribwew dik il-parti mill-introjtu li kienu intitolati ghaliha;

"Il-konvenuti wiegbu li:
"a) ghandhom il-proprjeta indikata fid-dokument A annessa mat-twegiba (1.4);
"b) jafu li missierhom kellu diversi kontijiet f'isem id-ditta Ignazio Debono & Sons jew A.C.A. Debono, pero m'ghandhom dettalji dwarhom (1.5);

"Imbaghad fit-twegiba guramentata filwaqt li huma jikkonfermaw li kellhom l-amministrazzjoni, ma llimitawx dan ghal xi perjodu partikolari.

"Meqjus dan kollu l-qorti taqbel mal-fehma tal-atturi. Ir-rendikont irid ikun shih, cjoe' meta miet il-missier Carmelo Debono (17 ta' Jannar 1975).

"(c) Wirt ta' Ignazio u Theodora konjugi Debono.

"Minn dak li fehemet il-qorti, Ignazio Debono kellu ditta bl-isem A.C. & A. Debono. Fid-denunzja ta' Carmelo Debono jinghad "*del fu Ignazio*". Minn din id-ditta Carmelo Debono, bhala wiehed mill-werrieta ta' missieru Ignazio Debono, kellu kwart indiviz (1/4)[1]. Il-konsistenza tal-gid li kellha din id-ditta, kemm bhala mobbli u immobbli, kien konsiderevoli. M'huwiex car jekk dan il-gid kienx diga' jezisti fid-data tal-mewt ta' Ignazio Debono jew sarx wara u kif tqassam.

"Fir-rendikont li taw il-konvenuti:-

"i. ma jinghadx fhix kien jikkonsisti l-wirt ta' Ignazio u Theodora konjugi Debono.
"ii. ma jissemmewx il-hlasijiet li nghataw l-ahwa u li deheru bhala self.
"iii. ma jinghadx x'sar mill-flus tad-ditta A.C. & A. Debono. Minn dak li qeghda tifhem il-qorti jidher li dawn kienu nqasmu mal-werrieta ta' Giorgia Gatt, wahda mill-werrieta ta' Ignazio u Theodora konjugi Debono (ara dokumenti a fol. 158, 159, 160).

"Dwar l-ilmenti tar-rikorrenti li:-

"i. Ma nghatax rendikont tal-flus f'kontijiet bankarji dikjarati fid-denunzja causa mortis ta' Carmelo Debono, missier il-partijiet.

"Il-kawza ma titrattax dwar l-amministrazzjoni tal-wirt ta' Carmelo Debono. Ghalhekk fil-fehma tal-qorti din l-oggezzjoni hi barra minn lokha ghal dak li jikkoncerna l-patrimonju ta' Carmel Debono. Ghal dak li jikkoncerna d-ditta A.C. & A Debono gia Ignazio & Sons, il-qorti fehemet li din kienet twaqqfet minn Ignazio Debono u li wara l-mewt tieghu din id-ditta baqghet topera. Il-qorti waslet ghal din il-konkluzjoni meta pparagunat il-kontenut tad-denunzja ta' Maria Theresa Debono

[1] 1 Fit-testment ta' Ignazio Debono jissemmew hamest (5) itfal, Carmelo, Andreana, Giorgia u Antonio u Giuseppe ahwa Debono.

(li jidher li mietet lejn nofs is-snin hamsin[2]) ma' dik ta' zewgha Carmelo Debono li miet fis-17 ta' Jannar 1975. Fid-denunzja ta' Carmelo Debono jissemma hafna iktar investiment.

"ii. <u>Esproprijazzjoni ta' mhazen 22/23, Triq Cejlu, Marsa.</u>

"L-atturi jaqblu li dwar dan il-mahzen kullhadd kien thallas sehemu. F'dan ix-xenarju 'l fatt li l-atturi jilmentaw li dan ma giex rifless fil-partiti tad-dhul fir-rendikont li taw il-konvenuti, mhu tal-ebda pregudizzju. Jekk xi hadd mill-konvenuti rcieva mahzen f'Porte de Bombes bhala parti mill-kumpens ghal tali esproprijazzjoni, din hi materja li taqa' 'l barra mill-oggett tat-talba. Kwalsiasi pretensjoni tal-atturi ghal xi rizarciment[3] ma tistax tigi trattata f'proceduri li jitrattaw l-ghoti ta' rendikont minn min ikun qieghed jamministra gid.

"i. <u>Fl-iskrittura tad-9 ta' Frar 2006 jissemmew flus fis-Sudan u Tunes u l-konvenuti ma tawx rendikont taghhom</u>.

"Din l-iskrittura saret bejn Fr Carmelo Gatt u l-konvenut Ignatius Debono u permezz taghha ftehemu li jinqasmu l-flus depozitati f'kont tal-BOV numru 13201353019 li kienu bejn il-familja Gatt u Debono (fol. 315)[4]. Fiha jinghad li:

> "*Il-flus li hemm is-Sudan, Tunes u fil-kontijiet tal-Bank of Valletta, Bridge Wharf, Marsa jibqghu ugwalment tal-familji Gatt u Debono, u hemm ukoll il-kaxxaforte f'numru 296 Main Street, Haz-Zebbug*.".

"Minkejja tali dikjarazzjoni l-qorti m'hijiex sodisfatta li l-konvenuti kienu qeghdin jamministraw xi kontijiet bankarji gewwa s-Sudan u Tunes. Il-qorti ma taqbilx mal-atturi li l-*onus probandi* kien fuq l-atturi li qeghdin jamministraw dawn il-flus. Dak dikjarat fl-iskrittura jindika li l-investiment li seta' kien hemm kienu komuni bejn il-familja Gatt u Debono. Kieku riedu l-konvenuti kellhom kull opportunita' li meta xehed Fr Gatt quddiem l-Assistant Gudizzjarju (ara verbal fol. 100), talbu taghrif dwar flus fis-Sudan u Tunes. Il-konvenut Joseph Debono xehed: "*Qatt ma kelli u ma ghandix dokumentazzjoni relatati mal-kontijiet li kien hemm f'Tunez u Sudan*." (fol. 218). Verzjoni li qatt ma giet kontradetta.

"Rilevanti li fid-denuzja li ghamel Alfred Debono bhala wiehed mill-hames werrieta ta' missieru Carmel Debono ma jissemmew l-ebda flus f'Tunez jew Sudan.

---

[2] L-ewwel faccata tad-denunzja hi illegibbli ghalkemm jidher li giet prezentata fl-1954.

[3] L-atturi ddikjaraw: "*Ghaldaqstant l-atturi qeghdin jitolbu r-rizarciment min-naha tal-konvenuti ta' ammont fil-porzjon li jispetta lilhom li bih ikun jista' jinkera mahzen tal-istess daqs u ghall-istess ammont ta' zmien (madwar 15 il-sena).*" (fol. 331).

[4] Mill-atti jirrizulta li fid-9 ta' Marzu 2006 saret skrittura ohra (fol. 105) li biha l-istess firmatarji emendaw il-likwidazzjoni fis-sens li Ignatius Debono rcieva s-somma ta' Lm10,288.10 f'isem il-familja Debono.

"(c) Wirt ta' Carmela Callus.

"Carmela Callus mietet fl-10 ta' Dicembru 1989[5]. Ma jirrizultax li qabel dakinhar l-konvenuti kellhom l-amministrazzjoni tal-patrimonju taghha. Id-denunzja taghha jidher li saret mill-konvenut Joseph Debono, u bhala gid jissemmew biss immobbli. Skond testament maghmul fid-19 ta' Marzu 1983 hi nnominat lill-konvenut Joseph Debono bhala ezekutur testamentarju. Fl-atti m'hemmx provi dwar jekk l-ezekutur ghamilx il-procedura kontemplata mil-ligi sabiex jigi kkonfermat fl-inkarigu mill-qorti volontarja. L-eredi taghha huma s-subien ahwa Debono ulied Carmelo u Maria Theresa konjugi Debono.

"L-atturi jilmentaw li:-

"1. Paragrafu 26 m'huwiex komplet. Fil-fatt b'nota prezentata fis-27 ta' Dicembru 2011 (ara fol. 336) il-konvenuti ddikjaraw li Paragrafu 26 ghandu jaqra: "Il-flus proprjeta' ta' dan il-wirt u l-introjtu ta' l-istess sas-sena 1992 gie kollu diviz bejn l-ahwa Debono.".

"2. F'paragrafu 29 tar-renikont m'hemmx rifless id-dhul. Pero' dan hu rifless f'paragrafu 28 u spjegat ukoll f'paragrafu 25(b). Ghalhekk l-ilment m'huwiex gustifikat.

"3. Ma gie pprezentat ebda rendikont biex juru x'tip ta' kont bankarju kellha. Fid-denunzja ma jissemmewx kontijiet bankarji. Pero hu minnu li fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2010 quddiem l-Assistant Gudizzjarju, Joseph Debono kien xehed: "*Id-denunzja ta' Carmela Callus ghamiltha jien. Naf li l-flus li kien hemm depozitati f'kont bankarju f'isem Carmela Callus gew maqsuma bejn il-werrieta kollha u ghandi l-firma ta' l-attur. Nipprometti li nesebixxi kopja tar-ricevuta tal-werrieta kollha tal-qsim tal-flus tal-kont ta' Carmela Callus…*" (fol. 218). Fl-atti hemm ricevuta datata 14 ta' Lulju 1991 (fol. 20) fejn jinghad hekk:-

> "*Ahna Nazju Alfred u Moses ahwa Debono ircevejna kull wiehed is-somma ta' Lm516 li jirrigwardw il-flus li kelli jien (Joe) f'idi taz-zija il-mejta Carmela Callus. Ahna kuntent bihom u maghna l-ebda pretenzjonijiet fuq dawn is-suggett. Hawn taht iffirmati l-erba ahwa.*".

"Wahda mill-firem hi ta' Alfred Debono. Fic-cirkostanzi l-qorti temmen il-verzjoni li nghatat minn Joseph Debono ghalkemm ma pprezentax kopja ta' rendikont bankarju.

(d) Proprjeta' komuni akkwistata mill-partijiet.

"F'paragrafu 30 tar-rendikont (fol. 292) il-konvenuti ghamlu riferenza ghal dhul minn ghalqa Ta' Scamardi, Haz Zebbug li l-familja Gatt u Debono akkwistaw b'cens perpetwu b'kuntratt tat-3 ta' Dicembru 1981 pubblikat min-nutar Dr Philip Saliba. M'ghandha x'taqsam xejn mal-

[5] Ara denunzja prezentata fis-6 ta' April 1990.

amministrazzjoni tal-wirt tal-persuni li jissemmew fir-rikors promotur. Ghalhekk l-atturi ghandhom ragun fl-oggezzjoni li rregistraw.

"(e) Ammont imhallas lil Alfred Debono.

"L-atturi jilmentaw li s-somma ta' Ewro 4,734.52 kienet giet sbankata mill-kont tal-BOV 13201353019 fi Frar 2006. Kien biss b'ittra legali fl-14 ta' Jannar 2010 li ntbaghat cekk lil Alfred Debono ghal din is-somma u mieghu kien hemm ittra legali "... F'dan l-istadju ma hemm xejn iktar dovut mill-klijenti tieghi lil Alfred". Fil-fehma tal-qorti l-atturi ghandhom ragun jilmentaw meta tqies li:-

- 'Il-hlas messu sar fl-2006 meta Ignatius Debono rcieva s-sehem tal-familja tieghu mill-flus depozitati f'dan il-kont;
- 'Id-dikjarazzjoni fl-ittra legali tatik x'tifhem li huwa pagament ghas-saldu.

"Fl-att prezentat fit-18 ta' Novembru 2011 l-atturi talbu li "[...] *l-konvenuti jzidu l-ispejjez inkorsi ghall-izbank ta' din is-somma flimkien mal-interessi ghall-perjodu kollu li l-konvenuti zammew illicitament l-imsemmija somma.*".

"B'riferenza ghall-wirt ta' Dun Guzepp Grech, din hi trattata f'paragrafi 16-21 tar-rendikont. Fih jinghad li:

> "*L-uniku proprjeta' iehor derivanti minn dan il-wirt huwa dak li jissemma fid-divizjoni bhala Dar numru 2, Sqaq nru 1, Notabile Road, H'Attard. Din il-proprjeta qatt ma kienet fil-pussess ta' l-esponenti u ma jafux x'sar minnha*." (fol. 289).

"F'dan ir-rigward fl-att li pprezentaw fit-18 ta' Novembru 2011, l-atturi m'ghamlu l-ebda kummenti.

"Il-konkluzjoni tal-qorti hi s-segwenti:-

"i. Ir-rendikont moghti fir-rigward tal-amministrazzjoni tal-gid ta' Ignatio u Theodora konjugi Debono m'huwiex sodisfacenti. Madankollu a bazi tal-oggezzjonijiet li ressqu
l-atturi:-

"Jekk wiehed kellu jibbaza l-kalkoli ghal dak li jikkoncerna flus fuq dak li jinghad fid-denunzja ta' Carmel Debono, jirrizulta li s-sehem li kellhom il-familja Debono mill-investiment hu Lm107,023 mill-investimenti (ara sezzjoni B)[6]. Ifisser Lm21,404 (Ewro 49,859) ghal kull werriet ta' Carmelo Debono. Mill-atti jirrizulta li matul is-snin kull wiehed mill-hamest ahwa ircieva s-somma ta' Lm9,481 (Ewro 22,084)

[6] Qieghed jinghad hekk ghaliex il-werrieta ta' Andreana u Antonio ahwa Debono jidher li huma n-neputijiet, cjoe' ulied Carmelo Debono u Giorgia Gatt. Inoltre, il-qsim parzjali li sar matul is-snin dejjem sar bejn dawn iz-zewg familji, Debono u Gatt.

b'kollox Lm47,405 (Ewro 110,423), f'dak li gie deskritt bhala self (fol. 299-302).

"Imbaghad hemm hlasijiet li saru lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fir-rigward tas-successjoni ta' missierhom, Carmelo Debono. B'kollox thallsu Lm29,431 (Ewro 68,555) [ara ricevuti ta' hlas a fol. ID9-ID20).

"Il-qorti qeghda tifhem li l-hlasijiet saru kollha mill-investiment li kien hemm ghaliex m'hemmx prova li xi hadd mill-partijiet hareg xi flus minn butu.

"Il-bilanc li jibqa' hu ta' Lm30,187 (€70,316). Wiehed irid jikkunsidra wkoll li nqasmu flus li kienu depozitati fil-Bank of Valletta u Ignatius Debono rcieva s-somma ta' Lm10,228 (€23,824) li minnhom l-atturi ghandhom dritt ghal Lm2,045.6 (€4,765). Ghalhekk bejn wiehed u iehor tibqa' unaccounted for ic-cifra ta' Lm4,000 (€9,317.49)
ghal kull wiehed mill-ahwa Debono.

"Ovvjament dawn l-osservazzjonijiet m'ghandhomx jiftiehmu li b'xi mod qeghdin jippregudikaw dak li ser jinghad fil-parti dispozittiva tas-sentenza, izda huma osservazzjonijiet li l-qorti thoss li ghandha taghmel gialadarba studjat l-atti voluminuzi.

"ii. Ir-rendikont li nghata fir-rigward ta' Carmela Callus jidher li m'hemmx bazi ghall-oggezzjoni li jissemmew fl-att li l-atturi pprezentaw fit-18 ta' Novembru 2011.

"iii. M'hemmx x'jinghad dwar l-amministrazzjoni tal-wirt ta' Dun Guzepp Grech mehud ukoll in konsiderazzjoni li l-atturi ma kkummentax.

"Permezz tan-nota prezentata fit-8 ta' Frar 2012 l-atturi ssottomettew: "[...] *l-kont ta' amministrazzjoni huwa insodisfacenti wara erbgha snin li dam dan ir-rikors. Ghaldaqstant l-atturi qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ittihom is-setgha li fi zmien xahar mis-seduta li din il-Qorti joghgobha tiffissa b'nota mahlufa jispecifikaw is-somma li ghandha tinghatalhom*". Fis-sottomissjonijiet li saru waqt is-seduta tas-26 ta' April 2012 l-atturi semmew ic-cifra ta' €339,497.24 (ara wkoll rikors tat-8/3/2013) bhala s-somma flus li jippretendu. Pero' dan minghajr ma taw ragunijiet kif waslu ghal din is-somma. F'kull kaz m'huwiex possibbli li dan isir ghaliex l-Artikolu 394 tal-Kap. 12 japplika biss fejn ma jinghatax rendikont. Il-konvenuti taw rendikont fit-terminu stabbilit fis-sentenza parzjali, ghalkemm l-atturi m'humiex jaqblu ma' dak li ddikjaraw l-konvenuti. Ovvjament ghandhom kull dritt li jikkontestaw ir-rendikont, pero' dan irid isir bil-mod li tikkontempla l-ligi".

Rat ir-rikors tal-appell ipprezentat mill-atturi, li permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' April, 2017, gie dikjarat dezert, stante li ma giex kawtelat skont il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti Joseph Debono u Ignatius Debono, li permezz tieghu tressaq appell miz-zewg sentenzi fil-kawza fl-ismijiet premessi, jigifieri kemm dik preliminari tal-11 ta' Ottubru 2011, kif ukoll dik finali tad-29 ta' Lulju, 2013. Permezz tal-appell taghhom il-konvenuti appellanti qeghdin jitolbu li din il-Qorti thassar u tirrevoka z-zewg sentenzi moghtija u dana kemm billi huma personalment ma kellhomx jaghtu rendikont, kif ukoll li l-konvenuti appellanti, flimkien ma' huthom l-ohra fil-fatt ga taw rendikont ta' dak kollu li setghu ghamlu ad eskluzjoni u/jew ad insaputa ta' Alfred Debono u ddepositaw l-ammont lilu dovut taht l-awtorità tal-Qorti, b'hekk gie ezawrit kull pretensjoni li l-atturi appellati setghu kellhom.  Kwindi talbu li din il-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat ir-risposta tal-atturi appellati li permezz taghha talbu li din il-Qorti tiddikjara l-appell imressaq mill-konvenuti, bhala irritu u null stante li fil-fehma taghhom gie pprezentat tardivament u dan a tenur tal-Artikolu 226 tal-Kodici ta'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2017, fejn wara li d-difensuri tal-partijiet itrattaw l-appell tal-konvenuti, dan baqa' differit ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumenti voluminuzi hemm ipprezentati.

Ikkonsidrat:

Illi jkun utli li l-ewwel tigi ezaminata l-kwistjoni tan-nullità tal-appell tal-konvenuti, inkwantu ritenut tardiv da parti tal-atturi appellati. L-Artikolu 226 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddisponi li l-appell ghandu jsir fi zmien ghoxrin gurnata mid-data tas-sentenza. Issa l-ahhar sentenza nghatat fid-29 ta' Lulju, 2013, filwaqt li l-appell gie ntavolat fid-19 ta' Awwissu, 2013. Ghalkemm mad-daqqa ta' ghajn wiehed jista' jahseb li l-appell sar tardivament, peress li sar fil-wiehed u ghoxrin jum wara s-sentenza, madankollu meta wiehed jivverifika mal-kalendarju tas-sena 2013, dlonk jintebah li t-terminu perentorju ta' ghoxrin jum kien jaghlaq fit-18 ta' Awwissu, 2013, li kien jahbat il-Hadd. Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussisdjarja 12.21 li tipprovdi ghar-Regolamenti dwar il-Procedura Civili jghid li s-Sibtijiet u btajjel pubblici, fost granet ohra jkunu maghluqa ghall-prezentata ta' atti gudizzjarji. Issa l-Artikolu 108 tal-Kap. 12 jipprovdi li meta l-ahhar

gurnata ta' terminu legali tinzerta li mhix gurnata ta' xoghol, jigifieri tahbat is-Sibt jew Hadd jew btajjel pubblici, allura dak it-terminu jaghlaq fl-ewwel gurnata ta' xoghol li jkun imiss u fil-hin li jaghlaq ir-Registru (ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta tal-14 ta' Mejju, 1993, fil-kawza fl-ismijiet **AIC Joseph Xuereb nomine v. Dolores Degabriele**).

Inkwantu l-atturi appellati kkonstestaw ukoll, fuq l-istess binarji, l-appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti tal-11 ta' Ottubru, 2011, tajjeb li jigi mfakkar li l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 jipprovdi hekk:

> "*"(1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawza jinqatghu b'sentenzi separati,* ***jista' jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda jghodd mill-jum meta tinghata l-ahhar sentenza;*** *u f'dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:*
>
> "*Izda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-ahhar sentenza biss bil-permess tal-qorti moghti fil-qorti bil-miftuh; u din it-talba ghal permess biex isir appell ghandha ssir jew verbalment meta tinghata s-sentenza jew b'rikors fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jinghata dak il-permess biex isir appell minn dawk s-sentenzi separati, iz-zmien biex jigi prezentat l-appell relattiv ghandu jibda ghaddej mill-jum minn meta jinghata dak il-permess fil-qorti bil-miftuh*".

Ghalkemm waqt l-istess seduta li fiha nghatat l-ewwel sentenza, id-difensur tal-konvenuti appellanti ddikjara li ser jitlob permezz ta' rikors l-awtorizzazzjoni biex jappella mis-sentenza in parte moghtija dakinnhar, sussegwentement, meta fil-15 ta' Novembru, 2011, permezz ta' Nota esebixxa r-rendikont, huwa espressament ddikjara li dan kien qieghed isir minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet u l-pozizzjoni taghhom

kif imfissra fl-atti tal-kawza, kif ukoll irriserva d-dritt ta' appell mis-sentenza preliminari ai termini tal-ligi. Ghalhekk, dan ifisser li l-appell mis-sentenza preliminari sar ukoll fi zmien utli, inkwantu sar flimkien mal-appell mis-sentenza finali, li kif inghad qabel ma sarx tardivament, izda fiz-zmien hekk kif kontemplat fil-ligi.

Dan il-punt huwa rilevanti wkoll inkwantu waqt it-trattazzjoni l-atturi appellati qajmu wkoll l-eccezzjoni procedurali li l-konvenuti appellanti ma setghux iressqu l-appell odjern inkwantu huma accettaw is-sentenza appellata meta pprezentaw ir-rendikont ordnat mill-Qorti, u ghalhekk irrununzjaw ghall-appell, peress li qaghdu ghal dak li ddecidiet l-ewwel Qorti. Hawnhekk l-atturi qeghdin jirreferu ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 228(1) tal-Kap. 12. Madankollu lanqas minn din il-perspettiva l-atturi appellati ma jistghu jinghataw ragun, mhux biss peress li n-nota tal-konvenuti tal-15 ta' Novembru, 2011, meta rriservaw id-dritt ta' appell taghhom, espressament ixxejjen din l-allegazzjoni tal-atturi appellati, kif inghad qabel, izda talli jekk wiehed jara sew l-atti, punt ta' kontroversja bejn il-partijiet jiccentra proprju fuq il-mertu tal-ewwel sentenza. Dan jinghad peress li filwaqt li l-konvenuti appellanti pprezentaw l-istess rendikont mis-sena 1987, l-atturi appellati jikkontendu li dan kellu jsir sa mis-17 ta' Jannar, 1975, data meta miet Carmelo Debono, missier il-kontendenti fil-kawza. Hekk ukoll punt iehor ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet, huwa dak dwar l-imghax li ser jigi trattat aktar 'il quddiem.

B'hekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, zgur li ma jistax jinghad li l-konvenuti appellanti rrinunzjaw ghad-dritt ta' appell billi qaghdu ghal dak li nghad mill-ewwel-Qorti fis-sentenzi taghha appellati.

Isegwi li kemm l-eccezzjoni ta' nullità kontenuta fir-risposta ghall-appell tal-atturi appellati, kif ukoll dik imqajjma verbalment waqt it-trattazzjoni tal-appell quddiem din il-Qorti, ma jisthoqqilhomx li jigu milqugha.

Imiss li jigi trattat l-appell tal-konvenuti appellanti, senjatament dak l-aggravju fejn jilmentaw li ghalkemm l-ewwel sentenza kkundannathom "*jaghtu kont tal-amministrazzjoni taghhom tal-beni tal-wirt…*" dan sar minghajr ma gie ndikat il-perjodu ghal liema kellhom jaghtu dan ir-rendikont – li rrizultat bhala l-kontestazzjoni ewlenija bejn il-kontendenti fil-kawza. Ghalhekk filwaqt li l-konvenuti appellanti jikkontendu li minghajr pregudizzju ghad-dritt taghhom ghall-appell, u f'tentattiv li jirrisolvu l-kwistjoni, ghamlu rendikont tal-beni komuni bejn l-1987 u l-ahhar tas-sena 2011 (data meta sar il-kont), l-atturi appellati kienu qeghdin jippretendu li dan il-kont kellu jinghata mid-data meta miet Ignatio Senior (sic Carmelo Debono - ara nota tal-atturi datata 8 ta' Frar, 2012). Fl-isfond ta' dan l-aggravju l-konvenuti appellanti jitrattaw diversi punti li ser jigu trattati serjatim.

(i) <u>Ir-responsabbilità o meno li jipprovdu rendikont.</u>

Il-konvenuti appellanti fir-rikors tal-appell taghhom jishqu li huma ma kienu qatt agixxew b'mod unilaterali jew li kienu amministraturi. Jaghmlu referenza ghall-Artikolu 491 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), li jipprovdi li persuna tista' tuza unilateralment proprjeta komuni, sakemm dak l-uzu ma jkunx kontra l-interessi tal-komunità. Filwaqt li l-Artikolu 494 jipprovdi li fejn il-partijiet ma jaqblux fuq il-mod kif proprjetà komuni qeghda tigi amministrata jistghu jitolbu lill-Qorti sabiex jinhatar amministratur, haga li ma saritx minn ebda wiehed mill-kontendenti fil-kawza, huma jispjegaw li agixxew flimkien maz-zewgt ahwa l-ohra Moses u Theodora u li kull decizjoni ittiehdet bil-kunsens tal-ahwa kollha, salv tal-attur Alfred Debono li f'certu zmien irrifjuta li jibqa' jattendi laqghat li kien ikollhom fuq bazi regolari. Ghalhekk jghidu li l-ligi tiddistingwi bejn persuna li tamministra oggett ghal haddiehor, li jkun obbligat li jaghti rendikont, u grupp ta' komproprjetarji li jamminsitraw flimkien. Kwindi jistaqsu jekk effettivament huma kienux amministraturi ta' beni komuni u jekk iva ta' liema beni partikolari. Jispjegaw li ghal finijiet ta' qasma finali, wiehed jista' jitlob li jsiru l-konteggi, izda dan irid isir minn kollha u mhux jigi impost fuq wiehed biss mill-komproprjetarji. F'dan is-sens qeghdin jappellaw mill-ewwel sentenza preliminari, peress li jekk huma responsabbli ghal xi amministrazzjoni, kellu jigi indikat lilhom liema oggetti dawn kienu.

Ghandu jinghad mal-ewwel li l-Qrati huma dejjem marbuta li jiddeciedu l-kawza fil-parametri tat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuti ghall-istess talbiet. Mit-talbiet attrici huwa car li dak li ntalab minghand konvenuti hu li jaghtu rendikont tal-amministrazzjoni taghhom u li tinghata ordni sabiex jithallas dak li jirrizulta li jispetta lill-atturi. Dik hija l-azzjoni attrici u ma jiswa xejn li l-konvenuti appellanti jipproponu li messhom saru azzjonijiet alternattivi. Min-naha l-ohra, kif gustament rilevat mill-ewwel Qorti, minn ezami tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti mhux kontestat minnhom li ghandhom l-amministrazzjoni tal-wirt tal-persuni msemmija fir-rikors promotur. Huwa minnu li, sa mill-bidu, il-konvenuti appellanti kienu esponew li l-amministrazzjoni kienet qeghda ssir bil-partecipazzjoni u kunsens taz-zewgt ahwa l-ohra (Moses u Theodora). Madankollu, il-konvenuti appellanti qatt ma talbu li ssir il-kjamata in kawza tal-istess zewgt ahwa. Lanqas ma jiswa li l-konvenuti appellanti donnhom jistiednu li din il-Qorti tezamina linja difensjonali gdida li ma tirrizultax li saret fl-eccezzjonijiet originali taghhom meta f'dan l-istadju inoltrat tal-kawza ma jistghux isiru konsiderazzjonijiet fuq eccezzjonijiet godda li ma jirrizultawx mill-atti. Konsegwentement, l-ewwel Qorti ghamlet sew li ddecidiet fuq il-bazi tat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet li kellha quddiema. Din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'dan ir-rigward u certament ma tqisx opportun li tillibera lill-konvenuti appellanti minn kull responsabbilità, kif donnhom jippretendu.

(ii) <u>Data u l-oggetti ghal liema kellu jinghata rendikont.</u>

Mhux kontestat li l-wirt ta' Ignazio senior u Theodora Debono kien qieghed jigi amministrat minn Carmelo Debono ghall-familja Debono u dan sakemm gie nieqes fis-17 ta' Jannar, 1975. L-atturi appellati jippretendu li jinghatalhom rendikont mill-konvenuti appellanti minn din id-data. L-ewwel Qorti, permezz tas-sentenza taghha tad-29 ta' Lulju, 2013, irriteniet li r-rendikont kellu jinghata minn din id-data (1975) peress li l-konvenuti appellanti fir-risposta guramentata qalu li r-rikorrent Alfred minn dejjem irrifjuta li jattendi ghal-laqghat ta' bejniethom u meta kkonfermaw li kellhom l-amministrazzjoni ma llimitawx dan ghal xi perjodu partikolari. Izda huwa ritenut minn din il-Qorti li s-sentenza taghha ghandha tkun ibbazata mhux biss fuq dak li jinghad minn parti jew ohra fl-atti gudizzjarji pprezentati minnha, izda fuq gudizzju shih li jinkludi dak li jirrizulta mill-atti.

Ghalkemm il-konvenuti appellanti jelenkaw sensiela ta' kwistjonijiet li jinsabu kontestati bejn il-kontendenti fil-kawza, huwa ghal kwantu car ghal din il-Qorti, li kif gustament rilevat mill-ewwel Qorti, l-atturi appellati permezz tar-rikors promotur taghhom, talbu rendikont tas-segwenti beni tal-wirt:

(a) Ignazio senior u Theodora Debono;

(b) Dun Guzepp Grech;

(c) Carmena Callus.

Wara l-ewwel sentenza preliminari, il-konvenuti appellanti ppreparaw rendikont f'kull kaz u dan mis-sena 1987, meta fil-fehma taghhom bdiet l-amministrazzjoni da parti taghhom tal-assi fil-pussess taghhom, fl-assenza ta' huhom Alfred. Din il-Qorti ma ssib xejn x'izzid ma' dak li nghad mill-ewwel Qorti fir-rigward tar-rendikont li nghata da parti tal-konvenuti appellanti ta' Dun Guzepp Grech u ta' Carmena Callus. Izda mhux l-istess jista' jinghad fil-kaz tal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti dwar ir-rendikont tal-amministrazzjoni tal-gid ta' Ignatio u Theodora konjugi Debono, kif ser jinghad aktar 'il quddiem.

Meta din il-Qorti ezaminat l-atti hija tal-fehma li huwa minnu li l-attur Alfred Debono jidher li kien qieghed jippartecipa b'mod attiv fl-amministrazzjoni tal-beni flimkien ma hutu ghal certu zmien. Dan jinghad mhux biss peress li jirrizulta mid-denunzji li saru ta' missieru Carmelo Debono fit-2 ta' Awwissu, 1977, u fl-14 ta' Mejju, 1979 li dawn saru proprju mill-attur Alfred Debono, fejn jelenka l-assi kollha tal-missier, izda jirrizulta wkoll mill-hlasijiet ta' taxxa li saru mill-istess Alfred Debono fl-istess sena 1979. Hekk ukoll mill-atti jirrizulta li l-hamest ahwa Debono sal-10 ta' April, 1984, ilkoll kienu hadu b'"self" is-sehem ugwali mill-flus ta' Lm9481 kull wiehed, u dan kif jirrizulta mill-kopji tal-*ledger* bil-firem tal-hamest ahwa, inkluz dik tal-attur Alfred Debono. Fil-

fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li sa din id-data tal-inqas, l-ahwa Debono kienu qeghdin jamministraw l-assi bi ftehim bejniethom kollha flimkien. Sussegwentement jidher li Alfred Debono, ghal xi raguni jew ohra, nqata' u bdew jiehdu sehem aktar attiva 'l bqija tal-ahwa Debono fl-amministrazzjoni tal-beni, ghalkemm fejn kien hemm xi kuntratt ta' qsim ta' proprjetà jew bejgh ta' proprjetà, Alfred Debono baqa' jippartecipa fis-shih meta deher fuq il-kuntratti relattivi. Kwindi din il-Qorti hi tal-fehma li r-rendikont ghalhekk ghandu jinghata mill-11 ta' April, 1984, data meta nqasmu l-flus likwidi bejn l-ahwa Debono, u ghalhekk l-ewwel sentenza ghandha tigi varjata f'dan is-sens.

(iii) <u>Dikjarazzjonijiet ohra maghmula mill-ewwel Qorti li mhumiex fid-dispozittiv tas-sentenza (accenn li jista' jkun hemm xi ammonti li ma nghatax kont taghhom).</u>

Ghandu jinghad li fil-fehma tal-Qorti ma hemm xejn li jwaqqaf lill-konvenuti appellanti li jitolbu assistenza ta' espert fil-preparazzjoni tar-rendikont tal-amministrazzjoni taghhom a spejjez taghhom (sa mill-11 ta' April, 1984), jew sahansitra li l-partijiet fil-kawza jaqblu li jinhatar espert li jezamina l-kotba kollha tal-familja Debono, inkluz attività mwettqa minn Alfred Debono, (inkluz hlas ta' taxxa li setghet saret minnu ghal Antonio u Andreana Debono), izda dan ukoll mhux ritenut li jaqa' fil-parametri tal-azzjoni in ezami. Ladarba, però, qatt ma ntalbet

perizja quddiem l-ewwel Qorti, ghall-fini tal-azzjoni in ezami s-soluzzjoni proposta mill-konvenuti appellanti fl-istadju ta' appell hija ritenuta barra minn postha.

Inkwantu l-konvenuti appellanti jikkontendu li d-denunzja ta' missier il-partijiet u li saret minn Alfred Debono tidher difettuza, tajjeb li jinghad illi kontrarjament ghal dak li nghad minnhom, fid-denunzja effettivament sar accenn ghall-passiv, tant li taht il-kolonna *liabilities* jissemmew "*Unassessed Income Tax from 1973*". Huwa veru li dan il-passiv ma kienx kwantifikat f'dak l-istadju, izda meta l-konvenuti appellanti hejjew ir-rendikont gustament ghamlu provvediment ghalih. Din il-Qorti bhal ta' qabilha tifhem li l-hlasijiet ta' taxxa saru mill-assi jew ahjar mill-investimenti li kien hemm, inkwantu hadd mill-partijiet ma vvanta xi pretensjoni li l-flus ghall-hlas ta' taxxa inhargu mill-flus personali taghhom.

Madankollu, din il-Qorti tassew irriskontrat zball fil-kalkoli tal-ewwel Qorti, inkwantu kif rilevat mill-konvenuti appellanti, it-total tat-taxxa li thallset lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fuq is-successjoni ta' Carmelo Debono kien ta' Lm45,432 (Dok.ID8) u dan kif korroborat mit-tnax-il ricevuta mahruga mill-istess Dipartiment tat-Taxxi Interni (u mhux tnaqqis ta' Lm29,431 kif kalkolat mill-ewwel Qorti). Dan ifisser li d-differenza li ma nghatax kont taghha hija ta' Lm791.6 (€1843.93) ghal

kull wiehed mill-ahwa Debono. Din id-differenza hija ferm inqas minn dak riskontrat mill-ewwel Qorti. Ghalhekk ghalkemm il-konvenuti appellanti ressqu lment ritenut gust, tibqa' tghodd il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti li din l-osservazzjoni qeghda ssir minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-atturi appellati li jikkontestaw ir-rendikont, bil-mod kif kontemplat bil-ligi. (Artikolu 392 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan jinghad peress li l-mertu ta' dawn il-proceduri huwa strettament marbut mat-talba li jinghata rendikont u li jigi ordnat il-hlas tal-bilanc li jista' jirrizulta bhala dovut, peress li l-proceduri odjerni mhumiex intizi li ssir revizjoni ta' dak ir-rendikont. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Mejju, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Nicholas Cutajar et v. Salvu Cutajar et**).

Il-konvenuti appellanti esebew numru ta' dokumenti godda ta' korrispondenza bejn il-Kummissarju tat-Taxxi Interni bejn l-1978 u l-1980, li proprju jitratta taxxa dovuta lid-Dipartiment mill-eredi ta' Carmelo Debono, fejn mill-korrispondenza jidher li kien attivament involut Alfred Debono. Izda dawn mhumiex ritenuti rilevanti ghall-fini tal-azzjoni in ezami peress li, kif inghad qabel, huwa ritenut minn din il-Qorti li r-rendikont li ghandu jinghata mill-konvenuti appellanti ghandu jibda jiddekorri mill-11 ta' April, 1984, proprju peress li tinsab konvinta li Alfred Debono kien attivament involut mal-bqija tal-ahwa Debono, fl-amministrazzjoni tal-beni sa dik id-data.

(iv) Kundanna ta' hlas ta' €4,810.99 bl-imghax.

Sa fejn l-appell tal-konvenuti appellanti jiccentra ruhu fuq l-ammont dovut lill-atturi appellati, din il-Qorti bhal ta' qabilha hi tal-fehma li ghandu jitqies l-ammont shih ghall-fini ta' din il-kawza, cioè sal-2011. Dan jinghad peress li t-talba attrici kienet fis-sens li tkopri l-perjodu kollu li fih il-konvenuti appellanti ilhom jamministraw il-proprjetà. Issa din il-Qorti tinsab konvinta li l-konvenuti appellanti baqghu responsabbli mill-amministrazzjoni inkwantu ma jinsabx kontestat minnhom li baqghu jircievu l-kirjiet relativi ghad-diversi proprjetajiet appartenenti lill-familja Debono. Ghalhekk din il-Qorti tikkonferma li l-ammont dovut lill-atturi appellati skont l-istess rendikont tal-appellanti huwa dak ta' €4,810.99 bejn is-sena 1987 u s-sena 2011.

Madankollu jirrizulta minnu li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti donnha ma tatx kont tac-cedola ta' depozitu li saret mill-konvenuti appellanti flimkien ma' zewg huthom ohra li saret fil-25 ta' Gunju, 2010, fl-ammont ta' €4734.52. Dan l-ammont jista' jigi liberalment zbankat mill-atturi appellati. Izda fil-fehma ta' din il-Qorti ghandhom ragun il-konvenuti appellanti li l-imghax fuq is-somma appena msemmija ghandu jiddekorri minn bejn id-data tan-notifika tar-rikors promotur lill-istess konvenuti appellanti u d-data li saret l-imsemmija cedola ta' depozitu. L-imghax ma baqax jiddekorri hekk kif saret l-istess cedola ta'depozitu. Ovvjament il-bilanc li huwa dovut lill-atturi appellati ai termini tas-

sentenza li ma kienx inkluz fic-cedola ta' depozitu ghandu jibqa' jiddekorri l-imghax fuqu, kif deciz mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddeciedi illi tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti appellanti, billi tilqa' l-istess limitatatment fis-sens illi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Ottubru, 2011, inkwantu rriteniet lill-konvenuti appellanti responsabbli li jaghtu rendikont tal-amministrazzjoni taghhom, b'dan illi dan ir-rendikont ghandu jsir mill-11 ta' April, 1984; tordna lill-konvenuti appellanti sabiex fi zmien tliet xhur mid-data ta' din is-sentenza jaggornaw ir-rendikont minnhom moghti sabiex ikopri l-perjodu ta' bejn il-11 ta' April, 1984 sal-bidu tas-sena 1987; tikkonferma wkoll is-sentenza tal-ewwel Qorti tad-29 ta' Lulju, 2013, fl-ismijiet premessi b'dan illi tvarjaha limitatament sa fejn jitratta l-imghax fuq l-ammont ta' €4734.52, li ghandu jiddekorri biss sal-25 ta' Gunju, 2010, data tac-cedola ta' depozitu; is-sentenza hija konfermata ghall-bqija.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza, salv dawk relatati mal-appell tal-atturi li gie dikjarat dezert li ghandhom jithallsu mill-istess atturi *in solidum*, jithallsu bin-nofs bejn l-atturi *in solidum* u l-konvenuti *in solidum.*

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb